

# Ħsibijiet tal-Imgħoddi
## Fra Vertan Vella O.C. 1919 - 1952



**John Micallef**



**Min kien Fra Vertan Vella. X'konnessjoni kellu mal-parroċċa tal-Karmnu tal-Balluta?**

F'dan l-artiklu Ħsibijiet tal-Imgħoddi ta' din is-sena se nfakkar din il-persuna li tat kontribut kbir lill-paroċċa tal-madonna tal-karmnu tal-Balluta. Fra Bertan Vella twieled fl-4 ta' Ġunju tas-sena 1883 fir-raħal taż-Żejtun.

Dan l-aħħar għamilt intervista lill-Ex-Ambaxxatur tal-Vatikan Dr. Alexander Cachia ammit fil-Victoria Hotel tas-Sliema. Peress li Dr. Cachia Zammit huwa miż-Zejtun tani xi nformazzjoni fuq il-familja tiegħu. Missieru kien jismu Ġanni u ommu kien jisimha Marija. Fiż–Żejtun kienu jsibuhom bil-laqam tal-Marniżi. Ċikku li jiġi ħu Fra Vertan kien is-sagristan għall-għomru fil-knisja Arċipretali taż-Żejtun. In-neputija ta' Fra Vertan kenet Madre tas-sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù. Oħt Fra Vertan kienet għamlet opra fil-knisja tas-salvatur billi ħallset il-paviment ta' din il-knisja li tinsab in-naħa ta' isfel taż-Żejtun. Dr. Alexander Cachia Zammit kien it-tabib tal-familja.



Fra Vertan li kien daħal bħala Ajk fl-Ordni Karmelitani u kien ipprofessa fit-23 ta' Novembru 1919. Huwa kien reliġjuż wisq virtus u eżemplari, ħaddiem u fommu sieket u maħbub minn kull min jafu fuq kollox mir-Reliġjużi kollha Karmelitani.

Fra Vertan kien mastrudaxxa mill-primi u ħalla bosta xogħol sabiħ b'tifkira tiegħu. Bħalma huma l-Librerija tal-kunvent tal-karmnu tal-belt Valletta. Il-Pulptu li kien fil-knisja l-qadima tal-Balluta, dan jistà wieħed għadu jarah fis-sagristija tal-knisja l-ġdida kif aħna l-anzjani nsibuha. Fis-sagristija hemm il-cupboards u għamara oħra kollha xogħol tiegħu. Opra oħra li kien ħadem kien il-Kor tal-Knisja l-antika, li kellu ħafna xogħol sabiħ fih.

Il-kapaċità li kellu fuq ix-xogħol tal-injam kienet kbira ħafna meta tqis li dak iż-żmien kien jaħdem kollox bl-idejn u mhux bħal-lum għandek għodda u magni sofistikati li jiffrankawlek ħafna xogħol li kienu jaħdmu b'idejn. Matul il-ġurnata kien ikun fil-workshop li kien fil-bitħa ta' nofs tal-kunvent u dan il-workshop għadu jeżisti sal-lum, fil-fatt għad hemm xi għodda li kien jaħdem biha. Matul il-ġurnata kont tarah bil-kaxxa tal-għodda jagħmel il-manutenzjoni



li kien ikun hemm bżonn kemm fil-knisja u kemm fil-kunvent.



Qiegħed nuri dawn ir-ritratti fejn wieħed jistà josserva l-pulptu li kien fil-knisja il-qadima. Il-bank tax-xogħol li kien jaħdem fuqu, issa jinsab fil-garage fejn hemm il-karozzi pparkjati fil-ġnien tal-kunvent.

Il-Mola li kien isinn l-għodda li għadha tinsab fil-workshop fil-bitħa tan-nofs fil-kunvent. Il-Kaxxa tal-għodda li tinsab ukoll fil-workshop. F'ritratt minnhom jidher Fra Vertan ma xi xogħol likien qed jagħmel. Din hija l-ittra u d-diploma li kien irċieva wara li spiċċa b'suċċess il-kors li kien għamel fil-Malta Society of Arts Manufacture and Commerce.

Malta Society of Arts Manufacture and Commerce
6 Giugno 1933

Sono lieto Portare Avertano Vella O.C. Conoscenza che il comitato della Societa d'Arti, Manifattura & Commercio, nella sua riunione di venerdi 2 C.M. dopo presa nota del rapporto della Commissione appositamento nominate, ha delibrerato as unanimità di conferirvi la Medaglia di Bronzo ed il relative Diploma, in riconoscenza al merito per il Disgno e esecusione in ebanisceria del pergamnia eretto nella Chiesa di N.S. del Carmine di San Giuliano.

Vi fara' piacere sapere che la commissione ha trovato che l'Esecuzione e fatta secondo I dettami della Arte ed e accurate in tutti i dettagli.

La medaglia ed il diploma vi saranno consegna ti in temp debito.

Con tutta stima
John Azzopardi
Segretario Hon.

Il-kliem li hemm fid-Diploma.

**Diploma**
**Societa Maltese**
**D'Arti, Manifattura E Commercio**
**Medaglia Di Bronzo**
**Fra Vertano Vella O.C.**

**Per aver disegnato ed eseguito i Lavoeo del OPergamo nella Chiesa di N.S. del Carmine di San Giuliano**




Il-kliem kemm tal-ittra u kemm ta' diploma ppublikajnihom bit-Taljan biex inħalli l-originalit`a tagħhom. Dawn ir-ritratti u l-ittra u diploma jinsabu fis-sagristija tal-parroċċa tal-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta.

Fra Vertan kien għamel opri oħra tal-injam f'Ruma speċjalment fil-Colleggio San Alberto ġewwa Ruma. Meta kont qed nintervista lill-Ex-Ambaxxatur tal-Vatikan Dr. Alexander Cachia Zammit qalli li kien mar jara l-opri li kien għamel f'dan il-Kulleġġ u f'postijiet oħra. Huwa qalli li kien baqa' impressjont bil-kapaċitajiet tiegħu.

Għal dawk li huma dilettanti tal-festa nixtieq ngħidilkom li Fra Vertan kien iħobb ħafna l-festa. Huwa kien jagħtina daqqa ta' id sewwa fix-xogħol tal-festa speċjalment fejn jidħol ix-xogħol tal-injam għad-disinji li konna naghmlu fit-toroq tal-parroċċa għall-festa. Dejjem kien jistaqsini jekk għandix bżonn ta' xi daqqa ta' id. Kien ħadmilna ħafna xogħol meta konna qegħdin nippreparaw għall-festi ċentinarji ta' 700 sena meta l-Madonna tat il-Labtu lil San Xmun Stock fis-sena 1951 eżatt sena qabel ma miet.

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Ġunju 1952 fl-isptar ta' San Luqa, imdawwar minn ħutu r-reliġjużi, miet Fra Vertan. Il-funeral tiegħu kien sar fil-Knisja l-antika tal-Karmnu tal-Balluta u li kienet ippakkjata bin-nies. Nittama li l-Madonna tal-Karmnu ilha li tellgħetu ħdejha fil-glorja tas-sema.

Nixtieq nawgura festa mill-isbaħ speċjalment spiritwalment billi nersqu u nirċievu lil Ġesù Ewkaristija b'hekk biss il-Madonna tieħu pjaċir bina f'dik il-ġurnata.